**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., ( Can ), Ph.D.**

**Appell Numru: 44 / 2023**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Lydon Zammit)**

**(Spettur Stephen Gulia)**

**vs**

**George Galea**

Illum 18 t' April, 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat George Galea ta' wiehed u hamsin (51) sena, imwieled fl-20 ta' Settembru 1971 gewwa Paola, iben George u Evelyn, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 499671(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli bejn il-lejl ta' nhar id-9 ta' Novembru 2022 u l-10 ta' Novembru 2022 gewwa il-Gzejjer Maltin naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Malta) Imhallef Onor. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can), Ph.D, fid-digriet taghha tal-5 ta' Ottubru 2022 li bih tat il-helsien mill-arrest b'diversi kondizzjonijiet;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D., b'digriet datat 4 ta' Lulju 2014 u varjat mill-Qorti Kriminali Mhallef Dr. Antonio Mizzi fil-21 ta' Lulju 2014 u varjat mill-Qorti Kriminali Mhallef Dr. David Scicluna LL.D., li permezz tieghu nghata l-helsien mill-arrest b'diversi kondizzjonijiet;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi u fiz-zmien ta' qabel f'dawn il-gzejjer Maltin ghamel uzu jew saq vettura minghajr il-pjanci tan-numri tar-registrazzjoni jew mhux skond ir-regolamenti tat-traffiku;

4. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' George Galea u kif ukoll tarrestah mill-gdid;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil George Galea ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Frar, 2023, filwaqt li ma sabitx lill-imputat hati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u b'hekk illiberatu minnha, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17 (b), 31, 579 (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15 (1) (a) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 32 (1) (4) (7) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02, sabet lill-imputat hati ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u kkundannatu ghall-perjodu ta' sena (1) prigunerija effettiva.

Ai termini ta' l-Artikolu 579 (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat l-konfiska tas-segwenti ammonti:

- Tas-somma ta' elfejn Euro (€2,000) **u** tas-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) imposti rispettivament bhala depozitu u garanzija bid-Digriet ghall-Helsien mill-Arrest moghti mill-Qorti Kriminali fil-5 ta' Ottubru, 2022; u
- Tas-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) mis-somma ta' tletin elf Euro (€30,000) imposta bhala depozitu bid-Digriet ghall-Helsien mill-Arrest moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-4 ta' Lulju, 2014.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, laqghet t-talba tal-Prosekuzzjoni u rrevokat l-helsien mill-arrest moghti lill-imputat bis-sahha tad-Digriet moghti mill-Qorti Kriminali datat 5 ta' Ottubru, 2022 u tad-Digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datat 4 ta' Lulju, 2014, kif varjat bid-Digrieti tal-Qorti Kriminali datati 21 ta' Lulju, 2014 u 28 ta' Novembru, 2014 u bid-Digrieti tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja datati 16 ta' Dicembru, 2014, 23 t' April, 2015 u 29 ta' Jannar, 2016, u ordnat l-arrest mill-gdid ta' l-imputat.

Ai termini ta' l-Artikolu 15 (3) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan ghall-perjodu ta' sena (1) dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza.

Peress illi f'dawn il-proceduri ma gew nominati l-ebda Esperti u/jew Periti, il-Qorti astjeniet milli tieghu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbazata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti George Galea minnu pprezentat fit-13 ta' Frar, 2023, fejn talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha tilqa` dan l-appell billi tikkonferma r-raba imputazzjoni fejn sabitu mhux hati, tirrevokha dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 32(1) u (7) tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, Legislazzjoni Sussidjarja 368.02, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-

Artikoli 17(b) u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabitu hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuzi dedotti kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew *in subsidum*, f'kaz li l-Qorti ssib htija fil-konfront tieghu, timmodifika l-istess sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena, billi tirrevoka l-piena nflitta ta' sena (1) prigunerija effettivi, tirrevoka l-konfiska ta' elfejn Euro (€2,000) u tas-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) imposti rispettivament bhala depozitu u garanzija bid-Digriet ghall-Helsien mill-Arrest moghti mill-Qorti Kriminali fil-5 t'Ottubru 2022 u tas-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) mis-saomma ta' tletin elf Euro (€30,000) imposta bhala depozitu bid-Digriet ghall-Helsien mill-Arrest moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-4 ta' Lulju 2014 u thassar, tirrevoka u tannulla r-revoka tal-helsien mill-arrerst moghti lill-appellant bis-sahha tad-Digriet moghti mill-Qorti Kriminali datat 5 t'Ottubru 2022 u tad-Digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datat 4 ta' Lulju 2014, kif varjat bid-Digrieti tal-Qorti Krimkinali datati 21 ta' Lulju 2014 u 28 ta' Novembru 2014 u bid-Digrieti tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja datati 16 ta' Dicembru 2014, 23 t'April 2015 u 29 ta' Jannar 2016, u thasssar, tirrevoka u tannulla l-ordni ta' l-arrest mill-gdid ta' l-appellant, kif ukoll thassar, tirrevoka u tannulla l-iskwalifika lill-appellant milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' sena (1) dekorribbli mid-data tas-sentenza appellata, u minflok tinfliggi piena alternattiva minn dik karcerarja li tixraq ghal kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**Apprezzament Hazin tal-Fatti, tal-Provi u tax-Xhieda**

Illi f'pagna 6 u 7 tas-sentenza il-Qorti tal-Magistrati qalet

"Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u kuntrarjament ghal dak sottomess midDifiza waqt it-trattazzjoni, jirrizulta li l-imputat, flimkien ma' terza persuna, ossia certu Keith Testa, twaqqaf mill-Pulizija ta' l-RIU, u cioè PC479 Frank Anthonty Portelli

u PC167 Philip Camilleri, nhar l-10 ta' Novembru 2022 ghall-habta tas- 2:20a.m., waqt li kienu f'vettura minghajr il-pjanci tar-registrazzjoni.

Ghalkemm id-Difiza ssottomettiet illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tista'bilixxi u tipprova lil hinn minn kull dubju ragonevoli l-hin li fih l-imputat twaqqaf u dana ghaliex, dejjem skond id-Difiza, l-Ispettur Lydon Zammit semma l-hin tas-2:30/2:45a.m., filwaqt li l-Ufficjali ta' l-RIU PC479 Frank Anthony Portelli u PC167 Philip Camilleri jsemmu l-hin tas-1:30a.m., u addirittura r-Rapport tal-Pulizija esebit minn PS1301 Christian Bonello jsemmi l-hin tas-2:20a.m., meta l-provi prodotti jigu kkunsidrati b'mod akkurat u mhux b'mod superficjali jew addirittura distort, jirrizulta li dak sottomess mid-Difiza ma huwiex assolutament minnu.

Huwa veru li l-Ufficjali ta' l-RIU jsemmu l-hin tas-1:30a.m., izda mix-xhieda taghhom jirrizulta li dan kien il-hin li huma gew infurmati bis-serqa fl-istabbiliment Diamonds & More gewwa H'Attard. Dejjem mix-xhieda taghhom jirrizulta li huma raw lill-imputat u lit-terza persuna li kien mieghu ghaddejjin f'vettura minghajr pjanci iktar tard waqt li kienu qed jaghmlu ronda fl-inhawi bhala parti millinvestigazzjonijiet preliminari dwar l-allegata serqa. Mir-Rapport tal-Pulizija imbaghad jirrizulta kjarament li l-Ufficjali tal-Pulizija waqqfu lill-imputat u lit-terza persuna li kien hemm mieghu ghall-habta tas-2:20a.m. Huwa dan il-hin li fih twaqqaf l-imputat u mhux is-1:30a.m. Ghalkemm huwa veru wkoll li l-Ispettur Lydon Zammit semma' l-hin ta' bejn is-2:30a.m./2:45a.m., minn qari akkurat tax-xhieda tieghu jirrizulta li dan huwa l-hin meta hu gie nfurmat dwar l-arrest ta' l-imputat u tat-terz u mhux il-hin li fih twaqqfu l-imputat u t-terza persuna li kien hemm mieghu.

Kuntrarjament ukoll ghal dak sottomess mid-Difiza waqt it-trattazzjoni, mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, senjatament mix-xhieda ta' PC479 Frank Anthony Portelli, jirrizulta li s-sewwieq tal-vettura fil-fatt kien l-imputat George Galea. Ixxhieda ta' PC479 Frank Anthony Portelli ma giet kontradetta jew imxejna bl-ebda mod u l-Qorti ma ghandha l-ebda raguni ghalfejn ma temmnux."

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri permezz ta' sentenza datata 13 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet IL-PULIZIJA vs DEBAGRIELLE MATTHEW fir-rigward t'APPREZZAMENT HAZIN TAL-FATTI ppronunzjat illi

"Dan kien appell tal-Avukat Generali dwar fatti li kien jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-gurisprudenza in materja tal-Qorti hi cara u kostanti fis-sens li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom **fuq l-iskorta tal-provi prodotti."**

Illi l-kaz in ezami jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi, ghalkemm f'dan ir-rigward il-gurisprudenza in materja tal-Qorti hi cara u kostanti fis-sens li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, jezistu ragunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti ghandha tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti minhabba li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjonijiet li li waslet ghalihom **fuq l-iskorta tal-provi prodotti.**

Dan ghaliex il-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel Qorti ma sarux fuq l-iskorta tal-provi prodotti **kollha** u ghalhekk tali konkluzzjonijiet ma kinux ragjonevoli u legali. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti ghaliex jezistu dawn ir-ragunijiet gravi sabiex taghmel dan.

Illi dan huwa manifest fil-parti fuq citata fejn l-istess Qorti tirreferi ghal hin li xehed fuqu l-Ispettur Lydon Zammit fejn semma l-hin tas-2:30/2:45a.m. filwaqt li l-Ufficjali ta' l-RIU PC 479 Frank Anthony Portelli u PC167 Philip Camilleri jsemmu l-hin tas-1:30a.m. u addirittura r-Rapport tal-Pulizija esebit minn PS1301 Christian Bonello jsemmi l-hin 2:20a.m., filwaqt li skartat kompletament dak li xehed PS1301 Christian Bonello fix-xhieda moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Dicembru 2022, fol. 93 sa 97 tal-

process, fejn ikkonferma li l-appellant u t-terza persuna li kellu mieghu twaqqfu mill-Pulizija ghall-habta tas-2.00a.m. ta' l-10 ta' Novembru 2022.

Illi l-ewwel Qorti ddikjarat illi meta l-provi jigu kkunsidrati b'mod akkurat u mhux b'mod superficjali jew addirittura distort, jirrizulta li dak sottomess mid-Difiza ma huwiex assolutament minnu.

Illi dak li ghamlet l-ewwel Qorti kien prorju dak li qalet hi li ghamlet id-Difiza u proprpju konsiderazzjoni tal-provi b'mod superficjali jew addirittura distort, izda zgur mhux mod akkurat. Dan huwa car u manifest ghaliex l-ewwel Qorti ma kkunsidratx il-provi kollha b'mod akkurat ghaliex li kieku ghamlet dan kienet tikkunsidra dak li kkwotat hija stess f'pagna 5 tas-sentenza meta ghamlet referenza ghal dak li xehed PS1301 Christian Bonello fix-xhieda moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Dicembru 2022, fol. 93 sa 97 tal-process, fejn ikkonferma li l-appellant u t-terza persuna li kellu mieghu twaqqfu mill-Pulizija ghall-habta tas-2.00a.m. ta' l-10 ta' Novembru 2022.

Illi dan ifisser manifestament u carament li l-ewwel Qorti ma waslitx ragjonevolment u legalment ghall-konkluzjonijiet li li waslet ghalihom **fuq l-iskorta tal-provi kollha prodotti,** immma ghamlet apprezzament tal-provi b'mod superficjali u distort meta tali apprezzament kellu jkun akkurat **fuq l-iskorta tal-provi kollha prodotti.**

Illi ghalhekk din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti ghal ragunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` cara u manifesta li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom **fuq l-iskorta tal-provi prodotti.**

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri permezz ta' sentenza datata 28 ta' Jannar 2009 fl-ismijiet IL-PULIZIJA vs SAMMUT ETIENNE fir-rigward t'APPREZZAMENT TAL-PROVI ppronunzjat illi

"Meta jsir appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha.

Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti,fuq provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni."

Illi dan ifisser illi ghar-ragunijiet fuq citati din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali ghandha taghmel apprezzament approfondit tal-istess provi biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha u din il-Qorti ghandha tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din hija raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri permezz ta' sentenza datata 23 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet IL-PULIZIJA vs BIANCHO CHARLES fir-rigward t'APPREZZAMENT TA' XHIEDA ppronunzjat illi:

"Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huwa haga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissirx illi dik ix-xhieda ghandha tigi skartata. Il-ftit ecitament li jhossu xi xhieda meta jsibu ruhhom fl-ambjent ta' awla tal-qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent, izda jkunu qed jixhdu in rebus suis, u aktar meta jkunu qeghdin jirrakontaw episodju li ghalihom kien trawmatiku, ma jnaqqasx il-valur tax-xhieda taghhom u l-kredibilita' tal-istess xhieda. Xi diskrepanzi zghar li jista' jkun hemm fl-istess xhieda hija indikazzjoni li ma kienx hemm, se mai, ftehim bejn ix-xhieda dwar dak li kellu jinghad."

Illi fil-kaz in ezami jfisser li d-differenza tad-dettall tal-hin kif PS1301 Christian Bonello ra fl-episodju li l-appellant u t-terza persuna li kellu mieghu twaqqfu mill-Pulizija ghall-habta tas-2.00a.m. ta' l-10 ta' Novembru 2022 huwa haga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun qablet fis-sens li twaqqfu mill-Pulizija l-appellant u t-terza persuna li kellu mieghu ghall-habta tas-2.00a.m. ta' l-10 ta' Novembru 2022, ma jfissirx illi dik ix-xhieda ta' PS1301 ghandha tigi skartata. Il-ftit ecitament li hass PS1301 Christian Bonello meta sab ruhu fl-ambjent ta' awla tal-qorti, ukoll jekk huwa familjari ma' dak l-ambjent, meta kien qieghed jirrakonta dan l-episodju, ma jnaqqasx il-valur tax-xhieda tieghu u l-kredibilita' tal-istess xhud. Id-diskrepanza fil-hin li kien hemm fl-istess xhieda hija indikazzjoni li ma kienx hemm, se mai, ftehim bejn ix-xhieda dwar dak li kellu jinghad.

Stabbiliti dawn il-fatti l-appellant ser jghaddi biex jikkonsidra l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

**L-ewwel u t-tieni imputazzjoni**

Illi l-appellant sahaq hafna fuq l-interpretazzjoni li ghandu jinghata d-Digriet tad-29 ta' Jannar 2016. Illi dan ghandu jinftiehem li l-appellant kellu jirrikaza fis-2.15a.m. kuljum u mhux biss meta jkun xoghol ma' Orsini. Mill-provi prodotti fil-kaz in ezami ossia ix-xhieda ta' PS1301 Christian Bonello moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Dicembru 2022, fol. 93 sa 97 tal-process, jirrizulta li nhar l-10 ta' Novembru 2022 l-appellant instab barra fit-triq li taghti ghal Buqana direzzjoni lejn ir-Rabat fis-2.00a.m. u ghaldaqstant fic-cert ma kellux jinstab id-dar tieghu. Dan ifisser ghalhekk li l-appellant palezament ma kisirx il-kondizzjoni tar-rinkazar fid-Digriet ghall-Helsien mill-Arrest moghti fl-4 ta' Lulju 2014, kif varjata bid-Digriet tad-29 ta' Jannar 2016. Minn dan jirrizulta ghalhekk, lil hin minn kull dubju ragjonevoli l-appellant m'ghandux jinstab hati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

**It-tielet imputazzjoni**

Illi din l-imputazzjoni ma setghetx tigi milqugha ghaliex il-vettura in kwistjoni ma gietx esebita bhala prova f'dawn l-atti, meta tali vettura giet elevata u mizmuma mil-Pulizija. Illi ghal dan in -nuqqas lampanti tal-prosekuzzjoni m'ghandux jaghmel tajjeb ix-xhieda ta' ben tlett ufficjali tal-Pulizija, ossia ta' PC479 Frank Anthony Portelli, PC167 Philip Camilleri u ta' PS1301 Christian Bonello, li kollha allegatament xehdu li l-vettura in kwistjoni, allegatament kienet misjuqa mill-appellant, hekk kif xehed PC479 Frank Anthony Portelli, kienet allegatament minghajr il-pjanci tarregistrazzjoni. Ix-xhieda ta' dawn it-tlett ufficjali tal-Pulizija ma kelliex ghalfejn tigi kontradetta bl-ebda mod u ghaldaqstant ghalkemm il-Qorti ma sabat l-ebda raguni ghalfejn ma ghandhiex temminhom, il-fatt jibqa' li tali vetytura ma gietx ezebita b'konsegwenza li tali imputazzjoni ma setghetx tigi milqugha.

Illi l-appellant ma setghax u ma kellux jinstab hati ta' din l-imputazzjoni ghar-raguni li ma giex ippruvat min kien id-detentur tal-licenzja tal-vettura. Illi l-fehma tal-Qorti li tali sottomissjoni hija totalment irrelevanti ghar-reat in kwistjoni hija fehma totalment zbaljata ghaliex dan l-artiklu tal-ligi jirreferi specifikament ghall-pjanci godda tal-vetturi li jinghataw lid-detentur tal-licenzja tal-vettura, mela allura l-ewel u qabel kollox riedet issir il-prova li l-appellant kien id-detentur tal-licenzja tal-vettura in kwistjoni. La darba din ma saritx u ma tirrizulta minn imkien mill-process l-appellant ma setghax u ma kellux jinstab hati ta' din limputazzjoni.

L-Applikazzjoni ta' l-Artikolu 32(1) u (7) tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, Legislazzjoni Sussidjarja 368.02, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 17(b) u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

L-ewwel Onorabbli Qorti applikat dawn l-artikoli tal-Legislazzjoni Sussidjarja u tal-Kap 65 u 9 tal-Ligijiet ta' Malta dawn ma jikkonfiguraw mkien fl-akkuzi kif dedortti kontra l-appellant. Illi l-Qorti tal-Magistrati hija marbuta strettament bl-Artikoli citati fl-akkuza. La dawn l-artikoli msemmija ma jikkonfugurawx fl-akkuzi dedotti ma

setghetx il-Qorti tehodhom in konsisderazzjoni meta dawn l-artikoli jgibu zieda fil-piena.

Illi minn dawn id-dispozizzjonijiet tal-Ligi jirrizulta b'mod car li dawn ma jirrigwardjawx sewqan ta' vettura minghajr pjanci ta' registrazzjoni, imma sewqan minghajr licenzja. La darba l-appellant kien akkuzat b'akkuza ta' sewqan ta' vettura minghajr pjanci ta' registrazzjoni ma jistax jinstab responsabbli ghal reat ta' sewqan minghajr licenzja meta ma kienx akkuzat b'dan ir-reat. Ladarba l-appellant allegatament instab li qed isuq vettura minghajr il-pjanci tar-registrazzjoni, m'ghandux ikun l-istess appellant li jirrispondi ghall-sewqan minghajr licenzja meta ma kienx akkuzat b'dan ir-reat.

Fid-dawl ta' dan kollu appena osservat ghalhekk il-Qorti kienet balata meta qieset li l-Prosekuzzjoni irnexxiela tipprova lil hinn minn kull dubju ragonevoli li l-appellant huwa hati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu, u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali ghandha tillibera lill-appellant minn din l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

Illi l-appellant izid jghid li il-liberatorja tieghu ghat-tielet imputazzjoni tissarraf ukoll ghall-liberatorja ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, jsegwi li ma kkomettiex delitt iehor ta' natura volontasrja waqt li kien mehlus mill-arrest u in bazi ghal dan ukoll m'ghandux jinstab hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni dedotti fil-konfront tieghu.

**Piena**

Il-piena kienet assolutament gravuza. Diga' inghad illi gew applikati kontra l-appellant l-Artikolu 32(1) u (7) tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, Legislazzjoni Sussidjarja 368.02, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 17(b) u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ma gewx citati fl-akkuza u l-piena anke fil-kwadru ta' persuna illi huwa ghal madwar ghaxar snin

bil-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest jottempora ruhu maghhhom rigorozament filwaqt li l-Qorti ghamlet referenza biss ghal Digriet tal-Helsien mill-Arrest ftit iktat minn xahar qabel l-allegat reat li ghandu jigi liberat minnu.

Illi mhassrin l-Artikoli li ma gewx citati fl-akkuza l-Qorti hija f'qaghda li tezamina il-personalita' ta' l-appellant u konsegwentement taghmel valutazzjoni anke permezz ta' social worker jew probation officers halli jezaminaw l-andament ta' l-istess appellant.

**Ikkunsidrat,**

Illi din il-Qorti setghet tinnotta illi l-appellant gie akkuzat illi kiser il-kundizzjonijiet ta' zewg digrieti tal-helsien mill-arrest, li saq vettura minghajr pjanci ta' registrazzjoni u li huwa recediv. L-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u cioe' li kiser il-kudizzjonijiet ta' zewg digrieti tal-helsien mill-arrest u li saq vettura minghajr il-pjanci tar-registrazzjoni. Fil-kumparixxi wiehed jista' jinnotta illi l-akkuza li gie mixli biha l-appellant kienet tghid hekk:

> *'U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi u fiz-zmien ta' qabel f'dawn il-gzejjer Maltin ghamel uzu jew saq vettura minghajr il-pjanci tan-numri tar-registrazzjoni jew mhux skond ir-regolamenti tat-traffiku;'*

Isfel nett fil-kumparixxi wiehed jista' jsib referenza ghar-regolament 32(4) tal-L.S. 368.02, izda din il-Qorti tghid illi l-prosekuzzjoni mhux obbligata ticcita l-ebda artikolu fil-verita' u li l-kontenut tal-imputtazzjoni li jghodd fil-proceduri kontra l-appellant. L-Artikolu 44(7)(d) tal-L.S. 368.02 jistipula s-segwenti:

*(7) Il-pieni għal kontravenzjonijiet oħra taħt dawn ir-regolamenti jkunu dawn li ġejjin:*

*d) sewqan ta' vettura bil-mutur mingħajr il-pjanċi tar-reġistrazzjoni ......................... €25 sa €60*

Madankollu, l-artikolu sucitat ma giex iccitat fid-decide tas-sentenza tal-Ewwel Qorti u minflok gie citat l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 u dan ghaliex l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghar-Regolament 32(7) tal-L.S. 368.02 li jistipula s-segwenti:

*'Kull vettura bil-mutur li tkun wieqfa jew misjuqa mingħajr ma jkollha l-pjanċi msemmija fis-subregolament (1) jew pjanċimaħruġa minn xi awtorità kompetenti oħra fil-każ ta' vetturimdaħħla temporanjament f'Malta għandha titqies bħala vettura lima jkollhiex liċenza'*

Din il-Qorti tghid illi ma taqbilx mal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward u dan ghaliex l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 qatt ma kellu jigi kkunsidrat f'dan ir-igward u oltre minn hekk iccitat fid-decide.

**Ikkunsidrat ulterjorment,**

Illi l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

*' Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha* ***tghid il-fatti li taghhom dan ikun ġie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi ohra li tkun tikkontempla r-reat.' (Emfażi miżjuda)***

Illi ghalhekk skond l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l- imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l- piena w ssemmi l-artikolu tal- Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.

Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Paul Cachia**[1]" ; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[2]"; "**Il-Pulizija vs Benjamin Muscat**[3]"; "**Il-Pulizija vs. Donald Cilia**[4]", "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**[5]"; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et**[6] "u ohrajn).

**Illi gie ritenut ukoll li l-Qorti tista' dejjem tirrileva tali nuqqas "ex officio" ( kif ghamlet din l-istess Qorti ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan.** (ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**[7] "; "**Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**[8] " u ohrajn).

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spt. Kevin Farrugia) vs Jesmond Spiteri**[9]" annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti wara li kkunsidrat li:

> *'mill-ezami tas-sentenza appellata illi l- Ewwel Qorti ccitat l-Artikolu 130 tal-Kap. 10 tal- Ligijiet ta' Malta bhala l-Artikolu li suppost tahtu nstabet il-htija w dan l-Artikolu effettivament gie mhassar bl-Att XXVII tal-2001 u ghalhekk gie citat Artikolu li m' ghadux vigenti fil-Ligi w li lanqas kien vigenti meta giet kommessa l-allegata kontravvenzjoni f' Awissu 2007 u fix-xhur ta' qabel.'*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2003.
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta Settmbru 2002.
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminal nhar it-28 ta' Gunju 2002 u l-10 ta' Lulju 2002.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l- 24 ta April 2002.
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta Mejju 2005.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta Frar 2006.
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta Jannar 2005.
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta Jannar 2005.
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Marzu 2008.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spettur AP Miruzzi) vs Stefan Abela**[10]" gie kkunsidrat li:

*' osservat mill-ezami tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti , minkejja lil-appellant kien qed jigi akkuzat u instab hati ta' diversi reati li jaqghu taht ligijiet diversi w senjatament il-Kap. 66 tal- Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht ir-Regolamenti li jaqghu taht l- Avviz Legali 146/1993, meta giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li jkunu jikkontemplaw r-reati li taghhom l- appellant kien instab hati, ndikat biss b' mod generiku dan l-Avviz Legali u f' kaz wiehed biss indikat regolament (mhux artikolu kif intqal erronjament fis-sentenza) partikolari tal-istess regolamenti kontenuti fl-imsemmi Avviz Legali.'*

Illi inoltre fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani**[11]' gie kkunsidrat li:

*'Hawn pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288 (B), li ma jezistix fil-Kodici Kriminali, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha fic- citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*

*Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal- Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r- reat; (App. Krim. "**Il-Pulizija***

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar, 2006.
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 t' Awwissu, 2006.

*__vs. Daniel Lanzon u ohrajn__[12]) (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza kif citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)'*

Illi l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet '**__Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'__** ikkunsidrat ukoll:

*'Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal- ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "__Il-Pulizija vs. Mario Agius u ohrajn__) (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)*

Illi l-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet '**__Il-Pulizija (Spt. J. Mifsud) (Spt. A. Portelli) vs Christopher Scerri__**[13]' ikkunsidrat:

*'Illi jikkoncedi x' jikkoncedi l-appellant dwar l-izball li ttiehed mill-Ewwel Qorti meta giet biex ticcita l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issib htija, huwa fatt li l-Ewwel Qorti erronjament iccitat artikolu ta' Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta hazin ghax minnflok iccitat il-Kapitolu 9, cioe' l-Kodici Kriminali, ccitat il-Kapitolu 12 u cioe' l-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili.*

Illi f'dan il-kaz, kif diga gie ritenut *supra*, L-Ewwel Qorti, fid-decide, ma ccitatx l-Artikolu 44(7)(d) tal-L.S. 368. 02 izda erronjament iccitat l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 u ghaldaqstant is-sentenza tal-Ewwel Qorti hija nulla.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tenfasizza li l-Qrati ghadhom jaderixxu ruhhom skrupolozament m'Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Filwaqt li numru ta' kawzi qeghdin jintbaghtu lura lil Qorti tal-Magistrati biex terga' tinghata s-

---

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 t' Ottubru, 2005.

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Novembru, 2007 (Appell Kriminali numru: 322/2007).

sentenza, drabi ohra l-Qorti tal-Appell Kriminali qieghda wara li tannulla s-sentenza appellata, tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid kif sejra taghmel f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda *ex officio* tannulla s-sentenza appellata moghtija fil-konfront tal-appellant George Galea u wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sejra tiddeciedi mill-gdid il-kaz fil-mertu.

**C. Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Adrian Micallef**
**Deputat Registratur**